# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Novembru 2017**

**Numru 16**

**Rikors numru 901/12 SM**

**Progress Press Co Limited (C 307)**

**v.**

**Gaito Steer Chetham ezercenti l-kummerc**
**bl-isem ta' GS Marketing**

Preliminari

Dan huwa appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civli moghtija fl-24 ta' Jannar 2013 li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment;

> "Il-Qorti,
>
> "Rat ir-rikors guramentat datat is-7 ta' Settembru, 2012, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti ppremettiet sintetikament is-segwenti:
>
> "1. Illi l-intimat hu debitur taghha fl-ammont ta' sebgha u ghoxrin elf, seba' mija u wiehed u tletin Ewro u wiehed u sittin centezmu, (€27,731.61);

“2. Illi l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti hu bilanc dovut lill-istess socjeta` rikorrenti mill-intimat ghall-servizzi rezi lilu fuq inkarigu tieghu stess kif jirrizulta minn “*statement of account*” u mill-fatturi relattivi prodotti in atti;

“3. Illi d-dejn hu cert, likwidu u dovut;

“4. Illi nonostante li nterpellat ghall-pagament, l-intimat baqa’ inadempjenti;

“5. Illi ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti aderiet lil din il-qorti fejn qed titlob is-segwenti:

“i. Illi tipprocedi bis-smiegh tal-kawza bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* tal-artikli 167 *et sequitur* tal-Kap 12;

“ii. Illi tikkundanna lill-intimat fuq indikat ihallas l-ammont minnu lilha dovut fuq indikat rapprezentanti prezz ta’ servizzi rezi mis-socjeta` rikorrenti;

“iii. Bl-ispejjez kif mitluba mis-socjeta` rikorrenti u bl-imghaxijiet legali skont il-ligi mis-26 ta’ Frar, 2012, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat;

“Rat id-dokumenti kollha esebiti;

“Sodisfatta li n-notifika tal-intimat giet debitament effettwata permezz tal-pubblikazzjoni skont il-ligi;

“Tirrileva li l-istess intimat baqa’ ma wegibx ghar-rikors guramentat promotur u konsegwentement instab li hu fi stat ta’ kontumacja, (ara fol 49);

“Semghet lix-xhud prodott;

“Ikkunsidrat

“Illi mill-evidenza prodotta, kemm dik dokumentarja, u dik verbali, l-fatti jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

“1. Illi bejn l-intrapriza li taht isimha l-intimat kien jiggestixxi n-negozju tieghu u s-socjeta` rikorrenti kien hemm sensiela twila ta’ negozji li permezz taghhom is-socjeta` rikorrenti kienet tat diversi servizzi lill-istess intimat, u dan, fuq inkarigu tieghu, rigwardanti l-pubblikazzjoni ta’ “*What If*” cirkolat mal-gurnal settimanali “*The Sunday Ti*mes”, (ara fol 6-8);

“2. Illi mill-korrispondenza prodotta in atti jirrizulta li l-intimat accetta li jhallas l-ammonti minnu dovuti ratealment izda, r-rata minnu

mensilment offruta ma kinitx meqjusa sufficcjenti mis-socjeta` rikorrenti, (ara fol 9-10);

“3. Illi skont il-“*Group Credit Controller*” tal-“*Allied Group of Companies*” li s-socjeta` rikorrenti tifforma parti minnha, jsostni wkoll sintetikament is-segwenti:

“i. Illi l-intimat talab ghas-servizzi tas-socjeta` rikorrenti biex tippubblika l-“*magazine*” “*What If*”;

“ii. Illi l-istess intimat iffirma “*credit application form*” ghal dan il-ghan fis-26 ta’ Marzu, 2011, bl-obbligu li jhallas l-ammonti dovuti sa tletin (30) gurnata mid-data ta’ kull fattura li tintbaghatlu;

“iii. Illi s-socjeta` rikorrenti espletat l-obbligi taghha fil-konfront tal-intimat u ppubblikat u ccirkolat erbghin elf (40,000), kopja tal-istess “*magazine*” f’Ottubru, 2011, u li ta’ dan ma rceviet l-ebda hlas;

“iv. Illi f’Dicembru, 2011, l-istess socjeta` rikorrenti regghet tat l-istess servizz lill-intimat, u xorta wahda ma thallsitx ta’ dan l-isforz;

“v. Illi kien biss fid-19 ta’ Jannar, li s-socjeta` rikorrenti rceviet pagament akkont mill-intimat, ammontanti ghal elfejn Ewro, (€2,000.00);

“vi. Illi l-ammont rimanenti, dak identifikat aktar qabel f’din is-sentenza, ghadu dovut mill-intimat lis-socjeta` rikorrenti, u dan, nonostante li kien debitament interpellat u konsegwentement kellha tittiehed din il-procedura;

“Ikkunsidrat:

“Illi tenut kont tas-suespost, din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement:

“1. Filwaqt li tipprocedi bil-kawza bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* tal-artikolu 167 *et seq*uitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“2. Tikkundanna lill-intimat Gaito Steer Chetham ezercenti l-kummerc bl-isem GS Marketing biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti Progress Press Limited is-somma ta’ sebgha u ghoxrin elf, seba’ mija u wiehed u tletin Ewro u wiehed u sittin centezmu, (€27,731.61), rapprezentanti prezz ta’ servizzi rezi mill-istess socjeta’ lill-intimat fuq inkarigu tieghu stess;

“3. Bl-ispejjez kif mitluba mis-socjeta` rikorrenti fuq indikata u bl-imghaxijiet legali skont il-ligi kif mitluba mis-26 ta’ Frar, 2012, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat fuq riferit.”

Minn din is-sentenza allura appella l-konvenut li qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara nulla n-notifika tieghu u allura s-sentenza konsegwenzjali u kwindi tibghat lura l-atti lill-Prim'Awla biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid wara li huwa jinghata opportunita` jiddefendi ruhu; l-appellata qed titlob il-konferma tas-sentenza.

AGGRAVU

Kif inghad l-appellant qed isostni li huwa ma giex notifikat regolarment ghaliex huwa residenti n-Naxxar u n-notifika bl-affissjoni saret Birkirkara fejn huwa kien jiggestixxi n-negozju tieghu izda fejn huwa ma baqax jopera.

Mill-atti u t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet jirrizulta li fi zmien li kienu ghaddejjin l-operazzjonijiet kummercjali bejn il-partijiet l-appellant kien jiggestixxi n-negozju tieghu Birkirkara u fil-fatt ta dan l-indirizz fid-dokument esebit fl-atti lis-socjeta` appellata (fol. 5). Meta din tal-ahhar bdiet il-procedura odjerna huwa ma giex notifikat bir-rikors promotur bil-mod normali u allura giet ordnata l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni ai termini tal-Artikolu 187 (3) tal-Kap. 12.

Dan is-sub inciz jghid:

"*Jekk mir-riferta ta' l-ufficjal inkarigat min-notifika ta' skrittura jew att gudizzjarju jinstab li l-persuna li ghandha tigi notifikata bl-iskrittura jew l-att, ghalkemm ma tirrizultax li qeghda barra minn Malta d-dhul fil-post tar-residenza taghha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza taghha ma jkunx maghruf, il-Qorti tista' tordna li n-notifika ssir billi titwahhal kopja ta' l-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinhargu fil-qosor fil-Gazzetta u f'gurnata kuljum wiehed jew iktar minn wiehed, skond kif il-Qorti tiddeciedi u meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza ikun maghruf, billi titwahhal kopja ta' l-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza. Il-Qorti tista' wkoll tiehu dawk il-mizuri ohra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom il-persuna li lilha ghandhom ikunu notifikati........*"

Fis-sentenza taghha moghtija fit-28 ta' April 2003, fl-ismijiet **Francis Fenech v. Raymond Mallia**, l-Prim'Awla ta-Qorti Civili qalet hekk;

"*Kif rilevat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Alessandro Delhin –vs- Antonio Darmanin et", Qorti tal-Kummerc, 9 ta' Novembru 1927,** "da tale disposizione si desume essere duplice la forma legale della notificazione di atti giudiziari, quella per cui la consegna della copia della scrittura si fa direttamente alla persona da essere notificata, o quella per cui si fa indirettamente, col lasciare la stessa copia nella casa di abitazione o nella sede di affari della persona da notificarsi, nel quale ultimo caso pero` la consegna della copia della scrittura si deve fare o ad un membro della famiglia, o ad un addetto alla casa o al servizio della persona medesima.";*

"*Illum, s'intendi, din id-disposizzjoni twessghet kemm ghan-numru ta' persuni li maghhom l-att jista' jithalla, kemm ghal dik li hi sede fejn l-istess att jista' jitqies validament notifikat;*"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Three Barrels Limited v. Joan Schembri et** (13 ta' Lulju 2001) din il-Qorti qalet illi:

"*Dan l-artikolu jimponi tassattivament minimu ta' tlett elementi biex jigi assigurat in-notifika ta' att bil-procedura hekk imsejjha "tal-pubblikazzjoni" jew "ta' l-affissjoni".*

"

"*(a) Il-Qorti tista' tordna li notifika ssir billi titwahhal kopja ta' l-att fil-post fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficjali;*

"*(b) illi dik l-iskrittura jew att jinhargu fil-qosor fil-Gazzetta;*

"*(c) illi l-iskrittura jew att jinhargu f'gurnal ta' kuljum, wiehed jew aktar minn wiehed, skond kif il-Qorti tiddeciedi.*

"*Dawn it-tlett modalitajiet kif l-iskrittura jew l-att kellhom jingiebu a konjizzjoni tal-persuna notifikanda kellhom jigu attwati t-tlieta flimkien, u f'dan ir-rigward il-konguntiv "u" ghandu jinghata l-piz shih tieghu. Ma' dawn it-tlett rekwiziti ghan-notifika valida permezz ta' din il-procedura kellu jizdied rekwizit iehor, ukoll mehtieg ad validitatem, "meta jkun possibbli jekk il-post ta' residenza jkun maghruf ", illi titwahhad kopja ta' l-iskrittura jew att mal-bieb ta' dik ir-residenza. Jekk ma jigix provat illi jkun sar dak li l-ligi tesigi bhala minimu ghal notifika valida fit-termini tas-subinciz 3 ta' l-artikolu 187, tali notifika kellha titqies li kienet irritwali u bla effett fil-ligi.*"

Mill-atti tal-kawza jirrizulta li l-appellant kien ta lill-appellata l-indirizz tan-negozju tieghu f'Birkirkara u xejn izjed. Ghalhekk is-socjeta` appellata setghet biss tipprova tinnotifkah f'dak l-indirizz. Jidher li l-appellant kien telaq minn dak l-indirizz meta giet isitwita l-kawza, izda naturalment ma kienx avza lis-socjeta` appellata b'dan u ma kien qatt informaha bl-indirizz tar-residenza tieghu. Importanti l-fatt li l-ligi trid li n-notifika ssir fil-post tar-residenza ***meta dan huwa possibbli***.

Fic-cirkostanzi tal-kaz ghalhekk ma kien hemm xejn aktar li l-appellata setghet taghmel u l-publikazzjoni f'gazzetta lokali u f'dik tal-Gvern kellha sservi biex l-appellant ikun jaf bil-kawza. Naturalment il-Qorti taf li dan mhux dejjem ikollu r-rizultat mixtieq izda l-appellant ma jista' jwahhal f'hadd u s-socjeta` appellata ghamlet dak kollu li tghid il-ligi kif del resto ghamlet l-ewwel Qorti illi ordnat in-notifika ai termini tal-Artikolu 187 (3)

fuq imsemmi (fol. 23). Barra minn hekk u dan il-fattur huwa ferm importanti, l-indirizz indikat fil-pubblikazzjoni u fl-affissjoni kien dak tal-post tax-xoghol maghruf lill-appellata u ghalhekk din il-Qorti ma tirriskontra ebda nullita` fir-rigward.

DECIZJONI

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata; l-ispejjez tal-appell ukoll a kariku tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df